

Brussell, 13 ta' Mejju 2019  
(OR. fr)

9103/19

COAFR 92  
CFSP/PESC 356  
CSDP/PSDC 230  
DEVGEN 98  
COHOM 56  
COHAFA 42

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 9102/19

---

Suġġett: Is-Saħel  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Mejju 2019)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħel, adottati fit-3688 sessjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2019.

## **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sahel**

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tappoġġa lill-awtoritajiet u l-poplu tas-Sahel, li qed ikomplu jiffaċċjaw sfidi ta' diversi tipi: i) sfidi ta' politika, b'mod partikolari nuqqasijiet serji fil-governanza, dawk tal-istat tad-dritt u dawk tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; ii) sfidi ta' sigurtà, bl-espansjoni tat-theddida terroristika, tal-vjolenza estremista u tal-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar ta' bnedmin u t-tibdil fil-klima li għandu effett negattiv fuq ir-riżorsi naturali u jikkontribwixxi għall-konflitti lokali; iii) sfidi fil-qasam tal-iżvilupp, b'faqar endemiku, dinamika demografika qawwija u koeżjoni soċjoekonomika dgħajfa; iv) dawn l-elementi jikkontribwixxu għall-aggravazzjoni tal-insigurtà alimentari, għaż-żieda tal-pressjoni migratorja u għad-degradazzjoni tas-sitwazzjoni umanitarja. F'dan il-kuntest, il-konflitti bejn il-komunitajiet reġġu żdiedu b'mod sinifikattiv fi ftit xhur f'diversi pajjiżi tar-reġjun. Hija qabelxejn ir-responsabbiltà tal-Istati tas-Sahel li jindirizzaw dawn l-isfidi u n-nuqqasijiet. Il-komunità internazzjonali tappoġġahom fl-isforzi tagħhom.

2. Is-Saħel huwa prijorità strateġika għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin u tal-Ministri għad-Difiża tat-tmienja u għoxrin Stat Membru tal-UE u tal-ħames Stati Membri tal-G5 tas-Saħel waqt is-sessjoni tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-14 ta' Mejju 2019 tixhed dan. Fil-qafas ta' djalogu politiku permanenti u approċċ integrat iffokat fuq ir-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà, u abbażi tal-istrateġija tal-UE għas-sigurtà u l-iżvilupp fis-Saħel u tal-pjan ta' azzjoni reġjonali tagħha, kif ukoll abbażi tal-ħames pilastri tal-pjan ta' azzjoni adottat waqt is-summit tal-Belt Valletta fl-2015, ġew immobilizzati l-istrumenti kollha tal-UE fil-qasam tal-azzjoni esterna. Għaldaqstant, l-UE qed tappoġġa individwalment lil kull wieħed mill-ħames pajjiżi fi ħdan il-G5 tas-Saħel u qed tappoġġa l-isforzi ta' kooperazzjoni tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma s-sħab prinċipali tar-reġjun, li ser jimmobilizzaw aktar minn EUR 8 biljun bejn l-2014 u l-2020 f'għajjnuna għall-iżvilupp għall-programmi nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari permezz tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw ukoll is-sigurtà fis-Saħel bl-istazzjonar ta' riżorsi umani u materjali sostanzjali ħafna b'mod partikolari fil-qafas tal-missjonijiet imwettqa taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) - EUTM Mali, EUCAP Sahel Mali u EUCAP Sahel Niger -, bil-parteciġazzjoni tagħhom fil-missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti MINUSMA, permezz tal-operazzjoni Barkhane ta' Franza, appoġġata minn Stati Membri oħra, u fil-qafas ta' diversi impenji bilaterali.
3. L-UE tirriafferma l-impenn tagħha għall-G5 tas-Saħel, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2391 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u tfakkar fl-appoġġ sinifikattiv li hija tagħti għall-istabbiliment tal-istrutturi ta' governanza tiegħu, għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Forza Konġunta (FCG5S) u għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Investimenti Prijoritarji tal-G5 tas-Saħel (PIP) u tal-Programm ta' Emerġenza tiegħu, bl-appoġġ tal-Alleanza tas-Saħel u ta' donaturi oħra. Hija tilqa' l-issoktar tal-operazzjonijiet tal-FCG5S u tappella biex jiġu intensifikati l-isforzi tagħha. Sena wara l-konferenza ta' livell għoli dwar is-Saħel li saret fi Brussell fit-23 ta' Frar 2018, l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom li jkomplu bl-implimentazzjoni ta' EUR 147 miljun li diġà ġew allokati għall-Forza.

4. Madankollu, l-UE tibqa' mħassba serjament dwar iż-żieda tal-vjolenza terroristika, iżda wkoll dwar dik komunitarja, fil-Mali u fil-Burkina Faso. Hija tappella lill-awtoritajiet biex jibdedw jew iwettqu investigazzjonijiet adatti, inkluż dwar il-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq il-ġeneru, biex jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet, diretti jew indiretti, ta' dawk kollha involuti, u ma jħallux lok għall-impunità u biex iżommu liċ-ċittadini informati dwar il-progress milħuq f'dan ir-rigward. Hija tappella wkoll lill-gvernijiet biex ixolju jew iżarmaw il-milizzji attivi kollha fit-territorji tagħhom u biex jibdedw proċess politiku ambizzjuż u inklużiv ta' djalogu u rikonċiljazzjoni għar-reġjuni kkonċernati, biex jiġu riżolti l-problemi ta' koeżjoni soċjali u ta' fiduċja, b'mod partikolari bejn il-popolazzjoni u l-forzi armati. F'dan ir-rigward, hija tappella għal imġiba eżemplari tal-forzi tas-sigurtà u tad-difiża fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali kif ukoll għal segwitu ġudizzjarju tal-inċidenti, li jistgħu jikkostitwixxu ksur ta' dawn id-drittijiet. Il-prevenzjoni tar-reklutaġġ u tal-użu ta' tfal suldati u l-ġlieda kontra dan il-fenomeno kif ukoll ir-riintegrazzjoni tat-tfal suldati fis-soċjetà għandhom jiġu żgurati. L-UE tteġġegħ lill-G5 tas-Saħel u lil kull wieħed mill-Istati Membri tiegħu biex jagħtu prijorità liż-żoni ta' instabbiltà l-aktar kritiċi, mingħajr ma jittraskuraw iż-żoni stabbli, u biex jindirizzaw b'mod integrat il-kawżi sottostanti tal-insigurtà biex tiġi prevenuta l-vjolenza u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-popolazzjoni, inkluż tan-nisa u ż-żgħażaġh.

5. L-UE tissottolinja l-importanza tar-riformi kbar li għandhom jitwettqu mill-gvernijiet tal-G5 tas-Sahel għall-iżgurar tal-paċi, is-sigurtà u l-prosperità dejjiema. Il-governanza inklużiva tat-territorji fil-livell nazzjonali u lokali, kif ukoll deċentralizzazzjoni ġenwina, b'mod partikolari ir-ristabiliment tas-servizzi pubbliċi, inkluż l-aċċess għall-edukazzjoni, b'mod partikolari għall-bniet u n-nisa, il-ftuħ mill-ġdid tal-iskejjel, l-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-governanza tajba huma lkoll elementi essenzjali. Barra minn hekk, hija meħtieġa wkoll ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, sabiex il-ġlieda kontra l-insigurtà tkun aktar effikaċi u biex jintemmu l-abbużi mwettqa kontra l-popolazzjoni ċivili. Għandhom jiġu żgurati perspettivi ekonomiċi aktar ekwitabbli, ir-rispett għad-drittijiet u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u tal-bniet, il-protezzjoni u l-integrazzjoni ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli u l-ugwaljanza fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi, inkluż l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva. Fl-aħħar nett, għal żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli, huwa wkoll neċessarju li jkun hemm aċċess ekwitabbli għar-riżorsi naturali, rispons adatt għat-tibdil fil-klima u dak ekoloġiku u ambjent aktar favorevoli għall-intraprenditorjat u l-investiment. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza ta' parteċipazzjoni sħiħa taż-żgħażaġh, in-nisa u s-soċjetà ċivili fil-proċess ta' paċi, inkluż għall-prevenzjoni tal-konflitti, b'mod ġenerali u fil-livell lokali. Dan huwa indispensabbli għall-paċi u l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun tas-Sahel. L-UE tħeġġeġ lill-G5 tas-Sahel biex jintegra perspettiva tal-ġeneru fl-azzjonijiet kollha tiegħu.

6. L-UE tappella lill-Istati tal-G5 tas-Saħel biex jirdoppjaw, jaċċelleraw u japprofondixxu l-isforzi tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari billi jagħtu lis-segretarjat permanenti il-mezzi biex iwettaq il-missjoni tiegħu, u jimmobilizzaw aktar riżorsi biex il-Forza Konġunta ssir kompletament operazzjonali u l-PIP jiġi implimentat immedjatament fiż-żoni l-aktar vulnerabbli. Hija tissottolinja għal darb'oħra l-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva tal-qafas ta' konformità mad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali mill-FCG5S u l-Istati Membri tagħha, u l-ħtieġa li jiġi stabbilit komponent ta' "pulizija" ġenwin biex jappoġġa lill-Forza Konġunta, bil-ħsieb li tiġi garantita interfaċċa effikaċi bejn il-Forza Konġunta u s-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' l-organizzazzjoni tat-tieni konferenza dwar ir-rinfurzar tar-rabtiet bejn is-sigurtà, il-ġustizzja u l-iżvilupp fir-reġjun tal-G5 tas-Saħel, li saret fil-21 ta' Jannar li għadda f'Niamey.
7. Minħabba d-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun, aggravata mill-instabbiltà fil-pajjiżi ġirien, l-UE tfakkar li l-atturi kollha - il-gvernijiet nazzjonali tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, il-G5 tas-Saħel, l-ECOWAS u l-pajjiżi ġirien, l-Unjoni Afrikana u n-Nazzjonijiet Uniti - għandhom ir-responsabbiltà li jimmobilizzaw il-mezzi tagħhom fil-qafas ta' approċċ koerenti u globali ta' stabbilizzazzjoni li jippermetti li jergħu jiġu stabbiliti s-sigurtà u l-iżvilupp. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' l-ħidma tal-gvernijiet tal-pajjiżi tas-Saħel u tal-atturi nazzjonali u internazzjonali u r-rwol ta' koordinazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti. Hija tappoġġa r-rwol kruċjali tal-MINUSMA għall-istabbiltà, il-paċi u r-rikonċiljazzjoni fil-Mali, inkluż ir-rwol tagħha fit-tramuntana u fiċ-ċentru tal-pajjiż, b'mod partikolari l-missjonijiet tagħha ta' appoġġ għar-ristabiliment tal-Istat, għall-protezzjoni taċ-ċivili kollha mingħajr diskriminazzjoni, għar-ristabiliment tas-servizzi bażiċi u ta' bon offiċji għall-proċess politiku tal-Mali li jenħtieġ jiġi kkompletat, kif ukoll il-kapaċità tagħha ta' interazzjoni mal-forzi l-oħra tas-sigurtà, inkluż permezz tal-appoġġ li tagħti lill-FCG5S. Konsegwentement, l-UE għandha tilqa' b'mod favorevoli l-adozzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, f'Ġunju li ġej, ta' mandat tal-MINUSMA li jkun konsistenti ma' dawn l-isfidi.

8. L-UE tilqa' l-iżviluppi li saru fil-Mali fl-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni ffirmat f'Ġunju 2015, inkluż permezz tal-Kumitat ta' Segwitu, iżda tappella lill-partijiet involuti, b'mod partikolari lill-gvern il-ġdid tal-Mali, biex ikompli l-isforzi tagħhom u biex jikkonkluduhom b'mod rapidu, speċjalment fir-rigward tar-riintegrazzjoni effettiva tal-ġellieda permezz tal-proċess ta' diżarm, demobilizzazzjoni u riintegrazzjoni, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-progress fil-proċess ta' deċentralizzazzjoni u l-ħolqien ta' żona ta' żvilupp għar-reġjuni tat-Tramuntana. Hija tappella lill-awtoritajiet l-aktar għoljin tal-Mali biex iwettqu l-proċess ta' reviżjoni tal-Kostituzzjoni fi spirtu inklużiv, sabiex din tiġi aċċettata mis-soċjetà kollha tal-Mali u biex tkun tista' tikkontribwixxi għar-ristabiliment tal-paċi f'Mali rikostitwit. L-UE tissottolinja l-importanza tal-inklużjoni sħiħa tan-nisa, taż-żgħażaġh u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-ftehim.
9. L-insigurtà li qed tiżdied tikkontribwixxi għad-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni umanitarja. L-ispostamenti kkawżati mill-vjolenza jaċċentwaw id-diffikultajiet marbuta mal-kriżijiet alimentari u nutrizzjonali rikorrenti, u jżidu l-ħtiġijiet fir-rigward tal-protezzjoni ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal, in-nisa u l-persuni b'diżabilità. Bħala donatur umanitarju maġġuri b'aktar minn EUR 250 miljun allokatu matul l-aħħar sentejn għall-popolazzjoni tal-pajjiżi tal-G5 tas-Sahel, u f'kuntest fejn ir-rispons ta' emerġenza jibqa' mhux iffinanzjat biżżejjed, l-UE tistieden lill-pajjiżi tal-G5 tas-Sahel biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom sabiex jipprevjenu aktar spostamenti u biex jiggarantixxu l-aċċess tal-popolazzjoni milquta mill-konflitti u l-vjolenza għas-servizzi bażiċi. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-popolazzjoni.

10. L-UE ser tkompli tagħti importanza prijoritarja lir-reġjun tas-Saħel u tieħu l-inizjattivi adatti, filwaqt li tibqa' attenta għall-impenn tas-sħab tagħha u għall-effikaċja tal-azzjonijiet imwettqa. L-UE tfakkar fid-determinazzjoni tagħha li tappoġġa r-ristabiliment tal-Istat u tas-servizzi bażiċi, l-istabbilizzazzjoni taż-żoni periferiċi, il-ġlieda kontra t-traffikar, pereżempju permezz tal-proġett GAR-SI Saħel, u kull inizjattiva ta' djalogu u ta' rikonċiljazzjoni. Hija wkoll lesta biex tkompli tappoġġa r-riforma meħtieġa tal-forzi tas-sigurtà u tad-difiża tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, it-tkomplija tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom, abbażi tal-istrateġiji lokali, u r-ristazzjonar tagħhom, b'mod partikolari bl-appoġġ tal-missjonijiet eżistenti tal-PSDK fil-Mali u fin-Niġer, f'konformità mal-mandat ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, hija tissottolinja li l-appoġġ tal-UE jista' biss ikun effikaċi jekk ikun akkumpanjat minn sforzi sinifikattivi mill-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel biex jitjiebu l-governanza, l-iżvilupp u s-sigurtà fir-reġjun kollu. L-UE ser tkompli ssegwi mill-qrib is-sitwazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, ser tidentifika aġġustamenti neċessarji fl-implimentazzjonijiet tal-azzjonijiet li għaddejjin, abbażi ta' progress konkret li jsir, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-laqgħa ministerjali annwali bejn il-G5 tas-Saħel u r-Rappreżentant Għoli prevista f'Ouadadougou f'Lulju 2019.

---